MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-11 ta' Dicembru, 2008

Citazzjoni Numru. 100/2008

Kawza fil-lista: 20

**A B C**
**vs**
**L-Avukat Dottor Beppe Fenech Adami u l-Prokuratur Legali Victor Bugeja nominati biex jirrapprezentaw lill-assenti D E F G**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

1. Illi l-kontendenti zzewgu fil-hmistax (15) ta’ Marzu tas-sena 2007, fil-Kajr l-Egittu, skond kif jidher mic-certifikat taz-zwieg taghhom numru 216 tas-sena 2007 fir-registru taz-zwigjiet, Malta, illi kopja tieghu qed tigi

annessa ma’ dan ir-Rikors u esebita u mmarkata bhala Dokument A.

2. Illi l-prezenti proceduri qeghdin isiru sabiex iz-zwieg iccelebrat bejn il-kontendenti fil-15 ta’ Marzu 2007 jigi dikjarat null u bla effett skond il-Ligi, stante li l-kunsens ta’ l-attrici nkiseb bi vjolenza morali jew biza’ ai termini ta’ l-Artikolu 19(1)(a) ta’ l-Att Dwar iz-Zwieg 1975.

3. Illi z-zwieg tal-kontendenti ccelebrat bejn il-kontendenti fil-15 ta’ Marzu tal-2007 huwa null u bla effett fil-Ligi stante illi l-kunsens ta’ wahda mill-partijiet inkiseb b’ qerq dwar xi kwalita’ tal-parti l-ohra li setghet mix-xorta taghha, tfixkel serjament il-hajja mizzewga, u dan ai termini ta’ l-Artikolu 19(1)(c) ta; l-Att dwar iz-Zwieg 1975.

4. Illi ulterjorment iz-zwieg tal-kontendenti huwa null ukoll peress li l-kunsens ta’ l-intimat kien ivvizzjat b’ difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittjiet u d-dmirijiet essenzjali taghhom, jew b’ anomalija psikologika serja illi ghamlitha impossibli ghall-konvenut li jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, u dan ai termini ta’ l-Artikolu 19(1)(d) ta’ l-Att dwar iz-Zwieg ta’ l-1975.

5. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, iz-zwieg tal-kontendenti huwa null u bla effett fil-Ligi, ghall-fini ta’ l-Artikolu 19(1)(f) stante li l-kunsens tal-partijiet jew min minnhom inghata bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew ghad-dritt ghall-att taz-zwieg.

Ghaldaqstant l-attrici, in vista ta’ dak kollu fuq premess, titlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ccelebrat bejn il-kontendenti nhar il-15 ta’ marzu 2007 huwa null u bla effett ghal kull fini u effett tal-Ligi.

2. Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jannota tali nullita’ ta’ l-Att taz-Zwieg numru 216 tas-sena 2007.

Bl-ispejjez kontra l-intimat li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati li biha ddikjaraw li huma m’ humiex edotti mill-fatti tal-kaz, u rrizervaw li jipprezentaw risposta guramentata ulterjuri kemm-il darba jkunu edotti mill-fatti;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni**

Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg taghha kuntrattat mal-konvenut assenti fil-15 ta’ Marzu 2007 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali taghha kien vizzjat fit-termini tal-paragrafi [a] u [c], u dak taz-zewg partijiet fit-termini tal-paragrafi [d] u [f] ta’ l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**Fatti**

Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewgu fl-Egittu fil-15 ta’ Marzu 2007, meta allura l-attrici, cittadina maltija, kellha 23 sena, u l-konvenut, cittadin libjan, kellu 27 sena, u wara li kienu ilhom jiffrekwentaw lil xulxin circa sena u nofs. Wara tmien xhur isseparaw de facto, u l-konvenut telaq minn Malta.

Minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.

Jirrizulta mhux kontradett li bil-bidu tar-relazzjoni l-konvenut kellu jitlaq minn Malta minhabba problemi ta’ viza, u ghalhekk l-attrici telghet l-Egittu sabiex tizzewweg lill-konvenut u dan ikun jista’ jerga’ jigi Malta. Di fatti wara z-zwieg il-partijiet regghu gew Malta fejn il-konvenut, allura zewg l-attrici, akkwista l-freedom of movement.

Izda l-hajja konjugali tal-partijiet irriskontrat diffikultajiet mill-bidunett taz-zwieg, stante li l-konvenut kien aggressiv

maghha u kien isawwatha. Tghid li kienet indunat li “kien qed jiehu xi haga [sustanza], ghax il-beatings li kien itini ghal xejn b’ xejn. Kien isawwatni hafna ghal xejn ta xejn, filli jkun allright, u filli f’ daqqa wahda, over nothing, jitlifha.”[1] Eventwalment skopriet li l-konvenut kellu l-vizzju tal-konsum tad-droga kokajina.

Kien ghalhekk li, bl-ghajnuna ta’ missierha li hallas ghall-biljett ta’ l-ajru, l-attrici kkonvinciet lill-konvenut jitlaq minn Malta. B’ hekk il-konvivenza konjugali damet biss ftit xhur.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi mill-premess il-Qorti tirravviza l-ezistenza tal-*caput nullitatis* kontemplat fil-paragrafu [d] ta’ l-artikolu precitat, fil-konfront tal-konvenut. Il-komportament abusiv u aggressiv tieghu fil-konfront ta’ martu, jimmanifesta difett serju da parti tieghu ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq id-drittijiet u obbligi essenzjali tal-hajja matrimonjali li fil-gurisprudenza nostrana jinsabu defeniti bhala “the obligation concerning the conjugal act or carnal union, as bodily union and basis of procreation; the obbligation of life and love as an expression of the union between man and woman, mutual well being, which is inseparable from the provision of an environment conducive to the reception and education of children; and the obligation to receive and bring up children within the context of conjugal community. It is important to remember that these obligations must be mutual, permanent, continuous exclusive and irrevocable so that there would be incapacity if one of the contracting parties should be, due to psycholoigical cause, <u>incapable of assuming these obligations</u> with these essential characteristics *[Viladrich – citat fis-sentenza PA[VGD] Anna Galea vs John Walsh deciza 20 ta’ Marzu 2000].* Inerenti f’ dawn l-obbligazzjonijiet hemm l-obbligu tal-kontraenti li jaghtu lilhom infushom lill xulxin fit-totalita’ taghhom sabiex tigi stabbilita’ bejniethom the “community of life and love.”

Illi fil-kaz in dizamina l-konvenut sforz tal-vizzju tieghu, wera li ma kienx kapaci jassumi l-obbligi matrimonjali fuq

[1] Dep. 19.11.2008

deskritti; u ghalhekk it-talba attrici hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt fit-termini tal-artikolu 19[1][d] tal-Kap.255, u timmerita li tigi milqugha.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa’ t-talbiet attrici, u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fil-15 ta’ Marzu 2007.

L-ispejjez ghandhom jigu sopportati mill-konvenut assenti, izda dawk relattivi ghall-kuraturi deputati ghandhom jithallsu provvizorjament mill-attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------